MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 526/2010

Appell Numru: 526/2010

Il-Pulizija
Vs
Stacey Chircop

Illum 24 ta' Jannar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 395171 (M)]quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a. Nhar id-9 t'Ottubru, 2001, f' Paceville, ghall-habta tas-1.15p.m, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' zewg basktijiet kontenenti ghaxar liri Maltin (Lm10) u diversi oggetti fosthom mobile phone u dokumenti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u valur li jaccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) u li sar ghad-detriment ta' Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri ;

b. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom

il-Ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri kontra l-volonta' taghhom ;

c. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna diversi feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmija Nadine Giles u Ebony Jade Camilleri, hekk kif iccertifikaw t-tobba tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana u ta' l-Isptar San Luqa.

d. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tannar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

e. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, m' obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.

f. Fl-istess data, f' San Giljan u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew kellu f' idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

g. F'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-8 u id-9 t' Ottubru, 2001, ikkommetta serq ta' vettura t' ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni KAE 772, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Spiridione Agius;

h. Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 14.01.98 u 19.01.99, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Novembru, 2010 fejn il-Qorti, l-Artikoli 261(a)(b)(c),(f),g), 262(1)(a)(b), 263, 267,270, 271(g), 274(c), 275, 277, 278, 279, 281 86, 87,221, 338(ee), 42, 43, 49, 50, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 2, 3 19 u 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi

kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames (5) snin prigunerija. B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundannat lil-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mtilub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf u tmienja u tmenin ewro u tnejn u tmenin ewro centezmi (€1088.82) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu u minflok tilliberah mill-akkuzi dedotti kontrih u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din il-Qorti ssib kwalsiasi htija fl-esponent, din il-Qorti giet mitluba li tnaqqaslu l-piena fuqu nflitta b'mod drastiku jew tapplika l-artikli dwar probation jew sentenza sospiza jekk hu possibbli.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Hadd ma gie identifikat waqt il-holdup innfisu:
Illi l-esponenti jibda billi jaghmel enfasi fuq il-kliem 'immedjatament' u 'qabel' b'referenza ghax-xhieda moghtija minn Ebony Camilleri u dan ghalix iz-zewg kliem ghandhom sinifikat partikolari taghhom.
Illi dwar il-kelma 'immedjatament' jirrizulta mill-atti tal-process a fol 89 li fix-xhieda moghtija minn Ebony Camilleri din tghid li '*minn meta rajnihom nizlin bil-karozza sakemm attakkawna kienu ghaddew xi tlieta jew erba minuti*'. Ghaldaqstant ma kienx hemm dik l-immedjatezza li assumiet li kien hemm l-ewwel Qorti. Kien hemm spazju ta' hin, ghalkemm zghir, li ghandu r-rilevanza tiehu ghaliex fil-mument li Ebony Camilleri tghid li rat lill-imputat l-ebda reat ma kien ghadu jigi kommess – lanqas kien hemm bidu ta' esekuzzjoni. Kull ma rat kien persuna ghaddej isuq vettura li skond hi kien l-imputat – ghalkemm anki fuq dan il-punt hemm diversi dubji.

Illi dwar il-kelma ‘qabel’ b’referenza ghall-frazi ‘immedjatament qabel’ li fuqha strahet l-ewwel Onorabbli Qorti, issir enfazi fuq din il-kelma ghaliex kif gie spjegat, waqt li sar il-holdup, hadd ma ra min kien verament qed isuq il-vettura. Anki li kieku stess kien minnu li Ebony Camilleri kienet rat lill-esponent isuq il-vettura. Anki li kieku stess kien minnu li Ebony Camilleri kienet rat lill-esponent isuq il-vettura erba` minuti qabel ma sehh il-holdup, dan mhux necessarjament jimplika li kien hu li mbghad kien involut fih ukoll. Kif gie spjegat, minn x’hin rat il-karozza niezla Ebony Camilleri sakemm sar il-hold up, din ghamlet mumenti ki kienet ‘out of sight’ ghaliha u b’hekk l-anqas jista` jinghad li kien hemm certezza li l-istess nies li rat ghaddejjin ftit qabel kienu l-istess nies li wettqu l-hold-up.

2. Kunflitt ta’ xhieda:

Tajjeb ukoll illi jigi rrimarkat li fil-verita` mentri matul l-atti tal-process, kien hemm xhieda li kienu hemm Nadine Giles u Ebony Camilleri li raw lis-sewwieq tal-vettura qabel ma sar il-hold up, kienet fil-fatt Ebony Camilleri biss li rat lil din il-vettura u min kien fiha fuq quddiem, qabel ma sar il-holdup u qabel ma kienu mghammda n-nies ta’ go fiha. Ghall-kuntrarju ta’ dak li anki prova jallega l-ispettur Jeffrey Cilia a fol 71, jekk wiehed jezamina bir-reqqa x-xhieda ta’ Nadine Giles a fol 84, li skond dan l-Ispettur, kienet rat is-sewwieq hi wkoll, wiehed jara li din tghid li qabel ma sar il-holdup **<u>hija ma kienet rat xejn.</u>** Tghid biss li kienet rat karozza ghaddejja izda la rat il-make taghha u lanqas il-kulur, ahseb u ara kemm rat in-nies li kien hemm fiha!

Ghaldaqstant, din certament ma tistax tixhed dwar min kien hemm ghaddej fil-vettura qabel ma sar il-holdup u qabel ma n-nies ta’ go fiha kienu mghammda.

Hemm kunflitt ta’ xhieda ulterjuri stante li minkejja li Ebony Camilleri tghid li sehbitha kienet rat lil min kien ghaddej fil-cettura qabel ma sar il-holdup, minn taht il-ghajn, kienet Nadine Giles li kontradixxiet dan il-fatt tant li qalet li hija ma kienet rat xejn. Dan il-fatt huwa importanti ghax jibda` jressaq dubju serju fuq l-affidabilita` tax-xhieda ta’ Ebony Camilleri.

Jizdied ukoll li ladarba Nadine Giles ma kienet rat lil hadd qabel ma sar il-holdup, il-fatt li l-gurnata ta’ qabel kienet

qdiet lill-imputat fil-fergha taghha, ma ghandu jkollu ebda konnessjoni ma` dak li sehh gurnata wara. Hija qatt ma tista` tikkonferma li l-persuna li kienet rat gurnata qabel, kienet l-istess persuna li kien hemm fil-karozza waqt il-holdup ladaraba ma rat xejn dakinhar, la qabel u lanqas waqt il-holdup.
Jirrizulta wkoll li Ebony Camilleri, li tghid li rat lill-imputat ghaddej isuq il-karozza li ntuzat fil-holdup xi minuti qabel ma sar il-holdup, ma kienitx ratu l-gurnata ta’ qabel peress li din ma tahdimx fl-istess branch li tahdem sehbitha Nadina.
Wiehed ghaldaqstant isaqsi, kif seghetet Ebony Camilleri jigiha suspett fl-imputat, ftit minuti biss wara li sar il-holdup, jekk hija qatt ma kienet ratu qabel? U kif setghet Nadine Giles tghid li l-persuna li kien ghaddej fil-karozza qabel il-holdup kien l-imputat, jekk fuq xhieda taghha stess, hija tammetti li ma kienet rat lil hadd qabel ma sar il-holdup u lanqas waqt il-holdup peress li kienu mbghad mghammdin?
Illi l-biza` ta’ l-esponenti hi li dawn iz-zewg xhieda setghu fil-fatt influenzaw lil xulxin billi ‘they joined the dots’ flimkien minghajr hadd minnhom ma jista` jghid li ra lill-imputat direttament fiz-zewg granet li jissemmew. Mix-xhieda tal-Pulizija jirrizulta wkoll li s-suspett taghhom kien waqa` fuq l-esponent wara li ntwerew il-footage ta’ CCTV li kien ittiehed gurnata qabel meta l-esponent mar isarraf xi flus mill-fergha ta’ Nadine Giles. Pero` wiehed isaqsi: jekk dan il-footage ratu Nadine Giles biss, u Nadine Giles lill-imputat, qabel ma sar il-holdup ma ratux, kif setghet din tassumi li kien l-imputat? U kif setghet Ebony Camilleri tassumi li l-imputat kien involut jekk il-footage ta’ CCTV hija ma tissemmhix li ratu? U jekk stess kienet rat il-footage ta’ CCTV, mhux xorta jibqa’ l-fatt li l-persuna li kien hemm f’dak il-footage u cioe` l-esponent, seta biss kien jixbah lis-sewwieq li Ebony Camilleri tghid li kienet rat izda fil-fatt ma kienx hu izda jixbhu biss?
Dwar Ebony Camilleri din tghid biss li lill-imputat ratu ghaddej isuq il-vettura ta’ lewn celesti qabel ma sar il-holdup pero` tghid ukoll li waqt li kien qed isir il-holdup ma tafx jekk dak il-persuna li kien qed isuq il-vettura kinitdx mghammda jew le. Dan ifisser li waqt li kien qed isir il-holdup, Ebony Camilleri lanqas biss harset lejn il-persuna

li kienet qed issuq il-vettura tant li lanqas biss kienet taf jekk kinitx mghammda jew le. Dan ifisser li din effettivament rat lill-persuna li kien qed isuq il-karozza ghal ftit sekondi biss u qabel ma sar il-holdup, f'hin li lanqas biss kienet taf x'ser jigri u ghaldaqstant, anki peress li hija kienet harset aktar lejn dawk li kien hemm fejn is-sewwieq milli lejn is-sewwieq fuq ammissjoni taghha stess, jista` jinghad li din rat kollox verament minn taht il-ghajn b'hekk hemm possibilita` kbira li din ghandha biss idea tal-fattizzi generici tas-sewwqieq aktar milli idea cara ta' min verament kien ta' l-apparenza tieghu. Huwa tassew sorprenedenti kif l-ewwel Qorti ghaldaqstant qed tibbaza ruhha biss fuq dan l-ispazju ta' ftit sekondi biex issib il-htija fuq l-esponent, meta hemm possibilita` kbira li dan huwa kaz ta' xebh u mistaken identity.

Nuqqas ta' provi:

Illi barra minn hekk, wiehed jistaqsi, xi proba konkrea hemm li l-persuna li kien qieghed fil-karozza waqt il-holdup kien effetivament l-esponent appellat? Hekk kif ser jigi spjegat, it-twegiba hi li ma hemm l-ebda prova konkreta.

A fol 89 jinghad car li minn meta Ebony Camilleri rat il-karozza niezala sakemm sari l-holdup, ghaddew xi erba` minuti. Jirrizulta car ukoll li din il-karozza ma baqghetx il-hin kollu 'in sight' ta' Ebony Camilleri matul dawk l-erba minuti. Ghaldaqstant, li kieku stess ghall-grazzja ta' l-argument, kien verament l-imputat li kien qed isuq il-vettura li allegatament intuzat waqt il-holdup, xi porva konkreta hemm lil hinn minn kull dubju li kien hu wkoll li kien qed isuqha waqt u wara li sar il-holdup?

Illi dan id-dubju jitqajjem mhux biss ghaliex la Ebony Camilleri u wisq anqas Nadine Giles ma raw il-persuna li kienet qed issuq din il-vettura waqt li kien qed isir il-holdup, izda wkoll ghaliex mill-provi xjentifici jirrizulta wkoll li f'din il-vettura, la nstabu finger-prints ta' l-esponenti u lanqas gun shot residue minkejja li l-Pulizija xehdu li gew sparati tiri mill-vettura li harbu biha l-hallelin. Hekk kif inhu maghruf fil-forensika, gun shot residue f'post maghluq itir ukoll fuq min kien vicin ghall-isparatura u mhux fuq min jispara biss.

*When one considers GSR evidence, as the firearm is discharged, the particles formed form the combustion products of the ammunition components transfer to the surrounding area. Unlike most transfer evidence, no direct contact is made between the hands and the airborne particulate. The particulate is simply deposited on the hand or* ***surrounded surfaces****.*

F’ pagna 16 ta’ l-istess ktieb jigi wkoll konfermat illi gunshot residue ta’ tir li jigi sparat minn gewwa karozza, ikun jista` jinstab fil-karozza wkoll,

*When the plume of the discharging firearm is created, the cloud spreads from all the openings in the firearm and deposits on the areas in the immediate vicinity of the discharge. Examination of tables, chairs, walls, drapes, floors, beds, bedding, items of furniture, and other indoor items may help determine where a shooting took place.*

*Methods have been developed to collect GSR form the interior and exterior of automobiles involved in these types of crimes. It is not uncommon for the collection officer who employs proper collection methods to recover GSR evidence form automobiles. Seats, seat backs, head rests, dashboards, doors and headliners are subject to particle extraction using sampling media designed for this application.*

U b’ hekk, gialadarba rrizulta li t-tiri gew sparati mill-hallelin waqt li l-vettura kienet qed tigi allegatament misjuqa mill-imputat, li kieku kien verament l-eponent li kien qed isuqha, xi tracca ta’ gun shot residue kieent tinstab fuqu wkoll.

Ghaldaqstant, wiehed isaqsi kif jista` jkun li ma nstab ebda tracca ta’ gun shot residue fuq l-esponent jekk dan kien allegatament hdejn il-persuna li sparat it-tiri, fl-istess karozza? Tajjeb li wiehed izomm f’ mohhu li l-esponent kien inzamm mill-Pulizija ftit biss tal-hin wara li sari l-holdup u ghaldaqstant, li kieku dan kien verament fil-karozza li ntuzat fil-holdup zgur li xi residue fuqu kien jinstab.

Tajjeb ukoll li jigi nnotat li minn studji forensigi maghmula mill-FBI dwar trasferiment ta’ gun shot residue minn persuna ghal ohra u sahansitra minn fuq seat ta’ karozza ghall-persuna li tkuin hdejn dak is-sit, gie vverifikat is-segwenti;

*A handcuffed person known to have GSR on the hands was placed in the backseat of a patrol vehicle for approximately 10 minutes, followed by a restrained individual known to have hands free of GSR. Sampling of the second person's hands indicated that 12 three-component and 10 two-component particles were transferred from the seat to the second individual's previously GSR-free hands.*

Dan kollu juri kjarament kemm persuna taf-fispicca bit-tracci ta' GSR fuqha jekk tkun hdejn il-persuna lit kun ikkontaminata bil-GSR fuqha hal ma certament keinu n-nies jew il-persuna li sparat it-tiri mill-vettura li allegatament kienet qed tinstaq mill-esponent.

Dwar kemm GSR idum fuq il-persuna dan l-istudju ikkonkluda wkoll illi:

*The third part of the study described the transfer that took place when an individual with 'clean' hands was handcuffed by an on-duty officer and placed in the backseat of a patrol vehicle for 10 minutes. Of the 41 samples collected from the hands of the previously 'GSR-free' individuals, 20 had an average of 5 two component particles transferred form the law enforcement environment (on-duty officer and/or patrol vehicle), 17 had no GSR-like particle transfer, and 4 contained PbBaSb particles. In 3 of those 4 cases, the officers had qualified with their service weapons during their shifts. The fourth transfer was noted on an individual who was handcuffed by an officer who had last drawn his firearm in the preceding 30 days.*

Dan juri kemm tracca ta' GSR tista` ddum prezenti fuq individwu sahansitra anki wara 30 jum.

Illi tajjeb ukoll li wiehed izomm f'mohhu li ladarba l-Ewwel Qorti skartat l-alibi ta' l-esponent lid an qal li kien mar jiehu bicca hobz u li nhasel fil-mument li kien qed isir il-holdup jew qabel ma mar l-Ghassa, dan ifisser li skond dak konkluz implicitament mill-ewwel Onor Qorti, dan, wara l-hold up mar mill-ewwel l-ghassa minghajr ma nhasel ecc. Ghaldaqstant, lanqas ma jista` jinghad li r-raguni ghala ma nstab ebda gun shot residue fuq l-esponent kienet ghaliex l-esponent kien inhasel ghaliex kienet l-istess Qorti li eskludiet il-possibilita` li kellu hin jaghmel hekk. Fi kwalunkwe kaz, huwa wkoll maghruf li

gun shot residue ma jitlaqx kompletament jekk wiehed jihasel u ghaldaqstant li kieku l-esponent kien verament ippartecipa fil-holdup, xi tip ta' evidenza f'dan is-sens, keient tivverifika ruha zgur. Anzi kif ghadu kif gie spjegat, tracci tieghu jistghu jinstabu ani wara granet shah. Fil-fatt, mill-istess studju li gie deskritt fl-artikolu tal-FBI li ghalih saret referenza inghad ukoll is-segwenti;

*Carol Crow provided a study performed by the Colorado Bureau of Investigation in which clothing was tested for GSR residues subsequent to discharging a weapon and laundering the worn garments in a conventional washing machine with warm water and detergent (Chavez et al. 2001). A variety of garments and fabrics were tested both postfiring and postlaundering. Results demonstrated the persistence of three component GSR particles and/or two-component (supporting) particles on some of the garments* ***even after washing.***

Minkejja dan kollu, u minkejja li l-esponent inzamm mill-Pulizija inqas minn siegha wara li saraet il-holdup, l-ebda tracca ta' GSR ma nstabet fuqu. Dan huwa fatt importantissimu ghaliex jikkonferma ghal darb'ohra li hemm nuqqas serju ta' provi kontra l-esponent. Anzi, il-fatt li hemm dan in-nuqqas jikkonferma kemm l-esponent ma kienx prezenti waqt il-holdup u waqt il-Pulizija segwiet il-vettura ezatt malli sari l-holdup.

Dwar in-**nuqqas ta' fingerprints**, wiehed ukoll jissottometiti li kieku l-esponent kien qed isuq verament il-karozza li ntuszat fis-serqa izda ma nstabu l-ebda fingerprint, dan jimplika li huwa kien qed juza xi tip ta' ingwanti waqt li kien qed isuq il-vettura, biex ma jhallix tracci. Jekk dan kien il-kaz, meta wiehed jikkonsidra li kien il-bidu ta' Ottubru, ix-xhud Ebony Camilleri, kienet certament tinnota dan id-dettal li min kien qed isuq kien liebes ingwanti, ladarba din hija daqstant konvinta mid-dettal li rat meta rat il-karozza niezla qabel ma sehh il-holdup. Fi kwalunkwe kaz, il-fatt li ma nstabu ebda fingerprints ta' l-esponent fil-vettura ghal darba'ohra jikkonferma l-innocenza tieghu.

Ma' dan kollu jizdied ukoll il-fatt li din il-persuna stess ammettiet li f'din il-karozza li kienet rat niezla kienet hasbet li rat persuna li tixbah persuna li kienet taf hi. Bl-istess ragunament allura, jista` wkoll ikun hem mil-

possibilita` li hija qed ixxebbah lill-persuna li kienet verament qed issuq il-karozza ma' l-esponent li forsi kien jixbhu. Tenut kont tal-fatt li la nstab gun shot residue u lanqas fingerprints fil-karozza li ntuzat ghas-serqa, wiehed jara li taghmel sens hafna aktar din il-possibilita` ta' xebh milli l-konkluzjoni li kien l-esponent li kien qed isuq il-karozza li ntuzat waqt il-holdup. Huwa ghal dawn ir-ragunijiet li qed jinghad li f'dain is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' provi u anki verszjonijiet ta' fatti konfliggenti, l-ewwel Onor Qorti qatt ma setghet tikkonkludi li l-esponet kien involut fil-holdup minghjar ebda dubju ghaliex dubji hemm u hemm hafna fil-waqt li provi mahemm kwazi xejn hlief xhiea okulari li bir-rispett kollu, ma tistax tigi kunsidrata certezza meta kienet l-istess persuna li ammettiet li xebbhet persuna ma' ohra li kienet fil-karozza ma xi hadd li kienet taf hi izda li ma kienx hu!

Tenut kont tal-fatt li minn-hin li sari l-holdup sakemm l-esponent mar jiffirma l-Ghassa tal-Belt, kienu ghaddew massimu ta' hamsa u erbghin minuta, zgur li kieku l-esponent kien involut fil-holdup, dan kien idum hafna aktar minn tlitt kwarti sabiex jahrab lill-Pulizija, jiehu l-Karozza lejn il-Wied ta' San Gwann, jaccerta ruhu li ma kienx hemm fingerprints fil-karozza, jimxiha minn fejn tahlliet il-vettura u b'xi mod, imur fir-residenza tieghu ta' Ta' Xbiex, jinhasel u jibdel il-hwejjeg tieghu, imur lejn il-Belt u jidhol l-Ghassa. Pero` sorprendentement, l-ewwel Onor Qorti kkunsidrat li l-esponent irnexxielu jghamel dan kollu, u dan lill hinn minn kull dubju. L-ewwel Onor Qorti kkunsidrat li din il-possibilita` kienet akbar mill-possibilita' li Ebony Camilleri xe3bbhet, zbaljatament lill-esponent mal-persuna li kienet rat fil-karozza minkejja li setgha kien hemm somiljanza biss minflok ma kien l-istess individwu.

L-esponent bil-wisq jibza' li r-raguni ghala Ebony Camilleri kkonkludiet li l-esponent kien il-pseruna li kienet rat hi, hija konnessa mal-fatt li din setghet giet psikologikament influenzata minn dak li kienet qalet sehbitha Nadine Giles lill-Ispettur dwar dak li kienet rat gurnata qabel u kkonkludiet li allura dak kien l-istess individwu.

Gie spjegat ukoll li anki l-mod ta' kif kienet saret il-parade sabiex jintagharaf l-akkuzat, din saret b'mod li l-persuni l-ohra kollha li kienu membri tal-Pulizija li tqeghdu hdejh, kienu fizikament u anki bhala posture, differenti hafna

minnu bl-effett illi mad-daqqa ta' ghajn, il-harsa tmur fuq l-esponent. Ghal dan il-ghan issir referenza gha-ritratti ta' l-identification parade biex jinftiehem il-ghala l-ghajn tmur fuq l-esponent minflok fuq nies ohra anki jekk ir-ritratti jkun qed jiflihom xi hadd li ma jkun qed ifittex l-ebda individwu partiolari.

**4. Dwar l-alibi ta' l-esponent:**

Illi minn qari tas-sentenza appellata jidher car li l-ewwel Onor Qorti kienet tassew determinata li tinjora l-alibi ta' l-esponent u li ma temminx il-fatt li waqt li kienet qed isir il-holdup, huwa kien qieghed il-Gzira minkejja lid an sahansitra kien semma' l-post ezatt fejn kien u cioe' fil-King George Bar, il-Gzira.

Illi fir-rigward tax-xhieda li semghet l-ewwel Onor Qorti, tad-Deputat Registratur tal-Qorti biex tipprova tistabilixxi l-hin li l-esponent seta` kien mar id-dar wara li kienet giet differita kawza li huwa kellu dakinhar tal-holdup, jinghad bir-rispett li l-hin ta' meta inghata d-differiment huwa kwazi ghal-kollox irrelevanti jew ta' ftit importanza ghax ma jimplika assolutament xejn ghaliex il-hin li kellu jerament jinteressa l-Qorti kien ta' bejn is-siegha jew siegha neqsin kwart u s-saghtejn ta' dak inhar li sar il-holdup.

Illi barra minn hekk, l-anqas jista` jinghad b'certezza, x'kien il-hin li l-esponent kien hareg mill-Belt dakinhar wara l-Qorti. Dan ghaliex il-fatt li l-kawza li kellu dakinhar l-esponent kienet giet differita anki jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed jikkonsidra l-possibilita` li d-differiment inghata ghal xi l-ghaxra ta' filghodu, dan ma jimplikax necessarjament li l-esponent kien sar jaf bid-differiment malli dan inghata. Jizdied ukoll li x-xhud Deputat Registratur ma semiex ezatt il-hin li inghata d-differmient u b'hekk l-anqas ma gie stabbilit b'certezza l-hin li l-esponent seta hareg mill-Belt.

Illi barra minn hekk, huwa ben maghruf li persuna gieli lanqas biss tkun taf li l-kaza taghha giet differita u tibqa` tistenna l-Qorti sa l-ahhar ta' seduta biex imbghad tinduna li l-kawza taghha tkun giet differita. B'hekk ma jistax jigi eskluz li l-esponent kien dam il-belt ghal xi hin wara li kien inghata d-differiment. Dan ghaldaqstant inaqqas aktar il-hin 'liberu' li kellu l-esponent biex allegatament jipprepara ghar-reat.

Fi kwalunkwe kaz jerga’ jigi nsistit li l-hin x’hin l-esponent kien hareg mill-Belt qabel ma sari l-holdup huwa pjuttost irrelevant stante li dak li hu verament relevanti m’huwiex kemm l-esponent kellu hin liberu qabel ma sari l-holdup izda fejn verament kien qaqt il-holdu u kemm kellu hin li jkun involut fil-holdup u erbghin minuta wara jkun fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta.
Illi minbarra dawn id-dubji kollha wiehed ukoll jistaqsi, (dejjem jekk wiehed kellu jikkonsidra l-possibilita` li l-esponent kien involut fil-holdup) kemm kienet tghamel sens ghall-esponent li jippjana li jaghmel holdup precizament fil-gurnata li huwa kellu kawza l-Qorti u li kellu jiffirma l-Ghassa tal-Belt ftit tal-hin wara wkoll? Dan qed jinghad ghaliex l-esponent qatt ma kien jaf li l-kawza tieghu kienet ser tigi differita dak inhar li sari l-holdup u b’hekk kien hemm il-possibilita` lid an idum il-Qorti. Kien jaf ukoll li kien marbut bil-hin fis-sens li kellu jmur jiffirma l-Ghassa wara nofsinhar u li jekk ma jasalx fil-hin, iwaqqa’ suspetti fuqu. Ghaldaqstant, wiehed jistaqsi kemm taghmel sens li l-esponent kien pjana li jkun involu f’holdu up g’gurnata li matulha huwa kien ser ikun impenjat il-Qorti u ma kellux garanzija kemm seta` jdum? Dan qed jinghad ghaliex ghal darb’ ohra, f’termini realistici ta’ hin iktar jaghmel sens li wiehed jemmen u jikkonsidra l-verzjoni ta’ l-esponent li huwa kien il-King George Bar, il-Gzira, bhala wahda realistika milli jemmen il-persuna jkollha cans li taghmel holdup, tahrab minn fuq il-post tar-reat, tahbi l-karozza f’ post vicin ir-reat fejn il-Wied ta’ San Gwann, timxi lura lejn id-dar ta’ Xbiex, tbiddel, timxi lejn il-Belt u tiffirma l-Ghassa fi spazju ta’ ftit aktar minn erbghin minuta kif diga spjegat.
Illi anki l-fatt li l-esponent kien mar isarraf xi flus gurnata qabel, ma huwa ta’ l-ebda relevanza ghaliex huwa minnu li 11,00 Liri Taljani jistghu jaghtu l-apparenza li jiswew hafna, lill-persuna li ma tkunx tifhem fil-flus u b’hekk ma kien hemm xejn hazing fil-fatt lid an mar isarraf dawk il-flus. Il-fatt li l-esponent kein sarrraf dawk il-flus lill-persuna li kienet talbitu jsarrafhomla billi ghaddiela Lm20 ghalihom, jispjega l-fatt ghaliex l-esponent kien insista li l-flus Taljani li kellu f’idu jissarfu ghal forsi bil-kemm ried jemmen li dawn verament kienu jissarfu f’Lm1.50 biss. Jizdied ukoll li l-hold up lanqas biss ma saret gewwa l-

Bureau nnifisha izda barra u ghaldaqstant lanqas jista' jinghad li l-esponent kien mar isarraf il-flus biex jiehdu idea tal-post li minnu kien ser issir is-seqa ladarba s-serqa saret barra t-triq u certu distanza l-boghod minn fejn kien sarraf il-flus hu.

**5. Dwar id-diversi akkuzi li taghhom l-esponent instab hati jew hati bhala komlici:**

Apparti l-fatt li l-esponent jinsisti li huwa qatt ma kellu jinstab hati ta' l-ewwel akkuza migjuba kontih, jinghad ukoll li anki li kieku stess kellha tinstab htija ghal dik l-akkuza, dan ma kellux necessarjament jimplika li huwa kien hati ta' l-akkuzi l-ohrajn kollha.

Jidher car li fir-rigward ta' l-akkuzi kollha li ghalihom l-esponent instab hati bhala komplici, il-Qorti bhal donnha biex tehlisha malajr, sabet htija "lock, stock and barrel" minghajr ma qieset kull akkuza fid-dettal.

Anki dwar l-ewwel akkuza, jidher li l-ewwel Onor Qorti ma kkunsidratx kollox fid-dettal. Fost ohrajn hemm nuqqas ta' provi dwar kemm l-allegazzjoni li s-serq kien aggravate bil-valur kienet wahda korretta u dan ghaliex jekk wiehed jara dak li nghad fuq l-oggetti li nsterqu, ma hemm xejn x' jindika li l-valur taghhom kein jaqbez il- Lm100. F'termini ta' flus, dak li ssemma' kienet biss Lm10, filwaqt l dwar il-mobile Nokia, ma hemm l-ebda prova lid an kien ta' valur li meta maghdud mal-handbags, jeccedi l-Lm100.

Ghalkemm forsi din l-Onor. Qorti taf tikkonsidra li din l-osservazzjoni hija wahda ta' ftit relevanza, fid-dawl ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra l-esponent, jigi sottomess li dan il-kaz hu kollu kemm hu mimli b' irqaqat zaghar li a bazi taghhom l-esponent instab dejjem hati u l-ebda tip ta' dubju qatt ma gie kkunsidrat favurih meta huwa ben maghruf li fil-kamp kriminali, anki l-icken dubju ghandu jmur favur l-akkuzat – '***in dubio, pro reo***'.

Illi fost l-akkuzi l-ohra li l-esponent ihoss li qatt ma kellha tinstab hitja, wiehed isib li hemm l-akkuza ta' sekwestru ta' persuna. L-esponent instab hati ta' din l-akkuza bhala komplici. Pero` wiehed jistaqsi kemm verament kien hemm sekwestru ta' persuna fl-ewwel lok, meta mix-xhieda taz-zewg nisa li nsterqulhom il-handbags ma jirrizultax li l-element ta' sekwestru gie vverifikat. Il-hold up per se, hadet biss ftit sekondi. Mix-xhieda ta' Nadien Giles u Ebony Camilleri, jissemma biss li l-persuna li marret

fuqhom hatfet il-handbags b'mod aggressive pero` l-element ta' sekwestru ma jidhirx li jirrizulta. Fi kwalunkwe kaz, dejjem intqal minnhom li l-persuna li allegatament kien l-espoennt kien baqa` fil-karozza u b'hekk lanqas biss kien komplici f'ebda att li gie ezercitat fuq iz-zewg nisa.

L-istess haga tinghad dwar l-akkuza ta' pussess ta' arma – fl-ebda hin ma nghad fix-xhieda taz-zewg nisa li l-esponent kien fil-pussess ta' xi arma waqt li kienet qed issir is-serqa. Anqas u anqas ma setghet tinstab htija ta' l-akkuza (f) li kellu fil-pussess tieghu arma minghajr licenzja gialadarba minn imkien ma jirrizulta li l-persuna li kienet qed issuq il-karozza kellha arma fil-pussess taghha.

Lanqas ma hemm l-ebda prova li huwa kien b'xi mod involut fis-serqa tal-vettura li keinet intuzat fil-holdup, liema serqa sehhet matul il-lejl ta' qabel stante li lanqas fingerprint tieghu ma nstabu fuq dik il-vettura.

Illi hekk kif gie spjegat, l-esponent ma kellu jinsab hati ta' l-ebda akkuza u b'hekk lanqas b'mod indirett, ma kellux jinstab hati ta' l-akkuzi hawn fuq imsemmija, bhala komplici, apparti l-fatt li whud mir-reati lanqas jinkludu l-possibilita` li huwa kien komplici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u ghall-fatt li ma ghandhiex tinstab ebda' htija, l-esponent ukoll jenfasizza li anki li kieku stess kellha tinstab htija, hemm diversi ragunijiet li jiggustifikaw talba ghar-riduzzjoni tal-piena hekk kif ser jigi spjegat.

**6. Dwar il-piena;**

B'referenza ghall-konkluzjonijiet hawn taht riprodotti fejn l-ewwel Onor Qorti spjegat li:

*'Ghal finijiet ta' piena l-Qorit hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali xejn felici tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa ben assodat fit-triq tal-kriminalita` kif ukoll tal-fatt li huwa recidiv u ghalkemm qieset dak li xehdet Vicky Scicluna mill-Agenzija Sedqa dwar il-kambjament li qed jipprova jaghmel l-imputat f'hajtu, il-qorti setghet tikkonstat li l-infomazzjoni moghtija minn din ix-xhud hija kwazi kompletament ibbazata fuq konversazzjoni li kellha mal-imputat gurnata qabel ma xehdet f'dawn il-proceduri.'*

L-ewwel nett jigi puntwalizat li ghalkemm il-fedina penali ta' l-esponent vera li ma kienet xejn felici, wiehed pero` jara wkoll li l-ahhar reat li ghalih dan kien instab hati jumru

lura ghall-2001. b'hekk l-esponent ilu effettivament diga` disa` snin il-boghol mill-hajja kriminali. Dan qed jinghad ghaliex ghall-kuntrajru ta' dak li tidher li kienet il-fehma tal-ewwel Qorti, l-esponent ma qabadx it-triq it-tajba ghall-apparenzi biss izda ghaliex verament irid jghix hajja korretta u dan ghamlu billi mexa u kkonkluda b'success il-programm rigoruz tas-sedqa u ilu snin shah igib ruhu fis-socjeta' bhala missier u cittadin onest minkejja l-passat infelici li kellu.
Bir-rispett lejn l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Onor Qorti li bhal qisha ma emmnitx kemm l-esponent tassew inbidel ghall-ahjar, jidher car li hemm element ta' nuqqas ta' fiducja murija minn dik il-Qorti fir-rigward ta' l-esponent tant li fil-fehma taghha din bhal qisha lanqas emmnet dak li nghad lilha mix-xhud ta' l-Agenzija Sedqa tant li kkumentat li skond hi, din kienet bhal donnha qwed tirriproduci dak li nghad lilha gurnata qabel.
Pero` l-verita` hi li l-esponent ghamel snin shah isegwi l-programm tas-Sedqa korrettement u minghajr intoppi tant li gradwa mill-Course li ghamel u jinsab kompletament riabilitat mill-problemi anki tad-droga li kellu.
Dwar il-bidla konkreta li ghamel f'hajtu, cerement tista` tintalab li tixhed f'aktar dettal ta' Vicky Scicluna mill-Agenzija Sedqa kifukoll jista` jittella' jixhed Ray Grech li kien il-Head tas-Sedqa fiz-zmien li l-esponent kien dhal ghall-programm u jaf ezattament x'kien il-progress ta' l-esponent. Sfortunatament dan ma kienx xehed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti pero` dejjem jista` jittella biex jidhed bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, kif gieli gara anke f'dan l-istadju ta' appell.
Illi dan kollu qed jinghad ghaliex huwa car li fid-dawl tal-fatt li l-esponent ilu disa` snin b'kondotta nadifa, ikkompletata b' success il-programm tas-Sedqa u qed jahdem u jrabbi familja, piena ta' habs certament ser terga` titfa lill-esponent f'abiss u f'ambjent li jikkancella dak kollu li rnexxielu jikseb f'dawn is-snin kollha ta' hajja riabilitata lejn it-tajjeb. B'hekk kienet zbaljata wkoll l-ewwel Qorti meta kkumentat li jekk l-esponent ghandu xi problemi, dan jista' jkompli t-terapija tieghu minn gol-habs.
Il-verita` hi li l-esponent ghamel diga` riabilitazzjoni kompleta, u ghaldaqstant, jekk jerga` jintefa` l-habs, l-isforzi li jkun ghamel hu u s-socjeta` li rrijabilitatu ser ikunu

inutile. Huwa ghalhekk li ntalbet l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar Probation ghaliex din certament hija l-aktar soluzzjoni li taghmel sens, jekk stess tinstab xi htija ghal reat li gie kommess disa` snin ilu.

Ma dan jizdied il-fatt li hekk kif spjegat, anki li kieku stess kellha tinstab htija ghall-ewwel akkuza, dan ma kienx necessarjament jimplika li kellha tintab htija ghall-akuzi l-ohra wkoll u b’hekk, minn ta’ l-inqas kellha tinghata sentenza ferm anqas minn dik moghtija lilu.

Certament jirriuzlta li taht l-ebda cirkustanza ma setghet tinstab htija ghat-tieni, tielet, raba’, sitt u seba` akkuza anki li kieku stess kellha tinstab htija ghall-ewwel akkuza. Fost ohrajn, huwa mpossibli li wiehed jinstab hati bhala komplici li ma jkun qed izomm arma minghajr licenzja ghaliex dan hu reat li ma jinkludix il-possibilita` ta’ komplicita` u b’hekk qatt ma setghet tinstab htija kontra l-esponent ghal dan ir-reat meta gie eskluz li s-sewwieq tal-vettura li kienet intuzat fil-holdup ma kienx qed igorr armi fuqu. Dan l-argument impressaq fir-rigward ta’ l-akkuza (d) japplika wkoll ghall-akkuza (f).

L-istess jinghad ghall-akkuza (g) dwar serq ta’ vettura stante li ma hemm assolutament l-ebda prova dwar min kien seraq din il-karozza u dan jinghad fid-dawl tal-fatt li wara kollox il-prepetrurui tal-hold up kienu tliet u b’hekk ma jista` jkun hemm ebda certezza jekk din fil-fatt kienitx insterqet minnhom kollha f’daqqa jew minn wiehed biss minn dawk li kienu nvoluti.

Illi b’referenza ghall-vettura uzata tajjeb ukoll li jinghad illi l-anqas ma hemm certezza li l-vettura li kienet rat Ebony Camilleri qabel ma saret is-serqa kienet l-istess wahda li ntuzat waqt is-serqa u dan ghaliex hadd mix-xhieda okulari ma qal li ara n-number plate tal-vettura li kienet niezla qabel ma sari l-holdup in-number plate tal-vettura li ntuzat waqt il-holdup. B’hekk seta wkoll kien li dawk in-nies li Ebony Camilleri kienet rat ghaddejjin qabel il-holdup la kienu l-hallelin u lanqas kienu ghaddejjin fil-vettura li ntuzat fil-holdup. Wara kollox, ghalkemm il-vettura li nstabet abbandunata kienet Ford Escort, Ebony Camilleri ssemmi Ford Transit (a fol 86), li mhix ezattament l-istess tip ta’ vettura Ford Transit ghandu ghamla pjuttost differenti minn ta’ Ford Escort b’hekk jista`

jkun li l-karozza li rat qabel il-holdup ma kinitx l-istess wahda tal-holdup.

Dwar l-ewwel akkuza, jirrizulta li anki bl-aggravji kollha li jinkwadraw ruhom that l-akkuz l-ohra, skond l-artikolu 274(c) il-piena ta' hames snin hija l-piena massima li tista` tinghata. Kunsidrat il-fatt li ghall-akkuzi l-ohra l-esponent instab hati fil-grad ta' komplici u kunsidrat il-fatt li l-esponent huwa reformat u ilu disa` snin ma jikkommetti ebda reat, tassew jinhass li anki li kieku kellha tinstab htija ghall-akkuzi kollha, il-piena massima ta' hames sn in kieknet tassew harxa. Meta wiehed jikkonsidra li b'effett tar-recidiva, il-piena massima titla` ghal sitt snin minn hamsa, wiehed xorta jikkonsidra li l-piena ta' hames snin kienet wahda harxa meta jigi kunsidrat il-fatt li l-persuna li allegatament saqet il-karozza, ma ppartecipatx fil-holdup per se  u meta wiehe djikkonsidra l-progress posittiv ta' l-esponent f'dawn l-ahhar disa` snin, ghal hajja l-boghod mill-kriminalita`.

Huwa ghalhekk ukoll li se mai, jekk din l-Onor. Qorti ssib xi htija, jaghmel hafna iktar sens li jigi applikat kwalsiasi artikolu ghal-probation taght il-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex kwalisasi sentenza karcerarja ser tkun biss ta' detriment ghall-esponent u terga' tressqu lejn ambjent li jbeghdu mit-triq it-tajba u li ilu ghal dawn id-disa` snin miexi fiha.

Fi kwalunkwe kaz, jigi ripetut li fis-smiegh ta' din il-kawza instab li hemm:

a. kontradizzjonijiet jew konfliggenza fix-xhieda moghtija mill-prosekuzjoni u l-verzjonijiet differenti moghtija minn Nadine Giles u Ebony Camilleri dwar min minnhom u kemm setaw verament raw sew il-persuna li kienet ghaddejja bil-karozza qabel ma saret is-serqa,

b. nuqqas ta' konferma dwar min kien qed isuq il-karozza waqt is-serqa stante li l-persuna li kienet qed issuq kienet mghammda.

c. Dubji dwar kif u ghala Ebony Camilleri kkonkludiet li kien propju l-esponent li kien involut fis-serqa meta din tghid hi stess li waqt is-serq, ma ratx min kien qed isuq, u qabel is-serqa, kienet xebbhet persuna li kienet f'dik il-karozza ma persuna li tghid kienet taf, u li b'hekk setghet ukoll xebbhet lill-esponent bi zball, mal-persuna li rat ghaddej isuq il-vettura qabel il-holdup.

d. Dubji dwar kemm seta` kien possibli ghall-esponent li jkollu bizzejjed hin biex jippartecipa fil-holdup u jiffirma l-ghassa tal-pulizija tal-Belt Valletta tlitt kwarti wara; u

e. l-fatt li l-provi forensici jeskludu li l-esponent seta` kien fil-vettura li ntuzat fil-holdup tant li ma nstabu ebda fingerprints u lanqas ma nstabu tracci ta' gunshot residue fuqhu.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fid-disgha (9) ta' Ottubru tal-elfejn u wiehed (2001) fi Triq Elia Zammit kantuniera ma' Triq San Gorg, f'San Giljan, vicin l-exchange bureau ta' Thomas Cook, ghal habta tas-siegha u ghaxra ta' waranofsinhar (1.10p.m.) zewg tfajliet – Nadine Giles u Ebony Camilleri, it-tnejn impjegati ta' Thomas Cook, kien ghadhom kemm telqu mill-imsemmi exchange bureau sabiex imorru ghall-break u xhin bdew jimxu lejn Triq San Gorg, gew avvicinati minn zewgt irgiel mghammda u wiehed minn dawn l-irgiel ipponta arma tan-nar lejn wicc Nadine Giles filwaqt li l-iehor qabad lit-tfajla l-ohra u dawn l-irgiel hadu l-handbags ta' dawn l-ahhar u dahlu gewwa vettura ta' lewn celesti bin-numru ta' registrazzjoni KAE 772 illi kienet parkeggjata fil-kantuniera fejn kien hemm persuna ohra fis-seat tad-driver, u saqu lejn il-Bajja ta' San Gorg. Ftit sekondi jew minuti qabel Ebony Camilleri kienet innutat l-istess vettura celesti ghaddejja u kienet rat fil-vettura kien hemm tlett (3) irgiel b'wicchom mikxuf u li peress li dehrilha li l-persuna illi kien hemm riekeb fuq quddiem fil-passenger seat kien jixbah habib taghha jismu Steve, hija tat kas min kien hemm f'din il-vettura u gharfet lill-appellant Stacy Chircop bhala l-persuna illi kien qed isuq din il-vettura celesti.

Meta kien ghadu kemm sehh il-holdup inzertat ghaddejja vettura tal-mobile squad tal-pulizija bin-numru ta' registrazzjoni GVP 244 fejn kien hemm PC 459 Mark Anthony Buttigieg u PC 99 Mario Portelli li mill-ewwel segwew il-vettura bil-hallelin meta f'hin minnhom wiehed mill-irgiel fil-vettura celesti hareg nofsu 'l barra mit-tieqa u spara zewg tiri ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tal-vettura tal-pulizija u l-hallelin harbu minn fuq il-post.

Ftit tal-hin wara nstabet il-Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni KAE 772, liema vettura kienet l-istess wahda li ntuzat waqt is-serqa, abbandunata f'Wied Ghomor, San Giljan. Fiha kien hemm l-oggetti misruqa hlief ghal ghaxar liri (Lm10) – dawn instabu ftit 'il boghod mill-karozza.

Liz-zewg tfajliet, Nadine Giles ta' hamsa u ghoxrin (25) sena nsterqulha basket zghir ta' lewn blu li kien fih ID card taghha, cwievet tad-dar u tal-karozza u xi dokumenti zghar taghha. Ebony Jade Camilleri ta' tlieta u ghoxrin (23) sena nsterqulha zewg passaporti, Cashlink tal-BoV, ghaxar liri (Lm10) kontanti, cwievet tad-dar, ID card u mobile telephone tal-marka Nokia.

Irrizulta ukoll illi z-zewg tfajliet kienu jahdmu fi branches differenti ta' Thomas Cook. Ebony Camilleri kienet tahdem fil-branch li tinstab fil-lukanda San Gorg waqt illi Nadine Giles kienet tahdem fil-branch ta' Triq Elia Zammit, San Giljan. Iz-zewg tfajliet ghalqu l-branches taghhom fl-istess hin, iltaqghu biex jimxu flimkien ghall-break u waqt illi kienu hekk mexjin, iz-zewg tfajliet gew aggrediti minn dawn l-irgiel.

Fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-pulizija, Nadine Giles qalet illi l-gurnata ta' qabel il-holdup, ghal habta tan-nofs siegha ta' waranofsinhar (12.30 p.m.) kien dahal fil-branch ragel li sussegwentement gie identifikat bhala l-appellant Stacy Chircop biex isarraf hdax-il elf lira Taljana (LT11,000) illi kienu jissarrfu biss f'lira u nofs Maltin (Lm1.50). L-appellant insista illi jsarraf dawn il-flus minkejja c-charges li kienu se jitnaqqru nofshom, u meta Giles fethet il-kexxun tal-cash Chircop ittawwal gol-kexxun b'mod talment ovvju li hija ghalqet il-kexxun bl-ghaggla. Meta gie ezaminat il-filmat tas-CCTV cameras illi kien hemm fil-bureau, irrizulta li din il-persuna li marret issarraf il-flus kien fil-fatt l-appellant.

Fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tal-elfejn u wiehed (2001) saru zewg identification parades fejn Ebony Camilleri identifikat

darbtejn in fila lill-appellant Stacy Chircop bhala wiehed mill-irgiel involuti fil-holdup inkwistjoni.

Ftit tal-hin wara l-holdup, l-appellant Stacy Chircop gie arrestat meta mar jiffirma l-ghassa tal-Belt u mistoqsi fejn kien dakinhar filghodu qal illi kellu appell kriminali quddiem il-Qorti tal-Appell, liema appell ma nstemax u gie differit, telaq mill-Qorti ghal habta tan-nofs siegha ta' waranofsinhar (12.30 p.m.), mar id-dar, biddel, imbaghad mar il-King George Bar, il-Gzira, jiekol hobza, imbaghad mar jiffirma l-ghassa tal-Belt. L-imputat irrilaxxa stqarrija fejn ghazel illi ma jirrispondi ghall-ebda domanda illi saritlu.

Sussegwentement l-appellant gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni ma' dan ir-reat u b'sentenza studjata tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tal-elfejn u ghaxra (2010) [fol 489], il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkkundannatu ghal hames (5) snin prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell fejn l-aggravju principali hu illi l-ewwel Qorti interpretat hazin il-provi li kellha quddiemha, liema provi kien juri konflitt serju fit-tezi tal-Prosekuzzjoni, liema konflitt allura kellu jwassal ghal-liberatorja tal-appellant.

Il-Qorti tinnota li dan l-appell ukoll huwa studjat u fih hafna argumenti validi li mhux necessarjament iwasslu ghall-istess konkluzjoni tal-ewwel Qorti peress illi dawn necessarjament jagevolaw it-tezi tal-appellant minghajr ma juru dak il-bilanc li normalment jintwera minn decizjoni ta' Qorti. Ghalhekk din il-Qorti tkun riluttanti hafna li tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti peress illi kellha l-vantagg illi tara u tisma x-xhieda, mentri l-Qorti tal-Appell tiddeciedi l-kaz fuq il-bazi ta' dokumenti biss.

Kif qal Lord Chief Justice Widgery fil-kawza R vesus Cooper (1969), in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza section 2(1)(a) tal-Criminal Appeals Act 1968) "... assuming that there was no specific error in the conduct

of the trial, an appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the Appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone."

Dan it-taghlim gie segwit mill-Qrati taghna principalment fil-kawza Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt, appell kriminali, 1 ta' Dicembru 1994, fejn intqal, "fi kliem iehor l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta – u evidentement giet emmnuta – ... il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-decizjoni u dak l-apprezzament."

L-ewwel Qorti innutat illi kien hemm verzjonijiet konflingenti, però, kif qalet il-kawza Il-Pulizija versus Joseph Thorn (Appell Kriminali 9 ta' Lulju 2003) "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen f'hiex trid temmen jew ma temmnux."

Il-Qorti ghamlet proprju dan l-ezercizzju fejn setghet tevalwa x-xhieda illi jaghtu d-depozizzjoni taghhom quddiemha, tara l-karattru u cirkostanzi ohra li jwassluha biex temmen jew ma temminx lix-xhud u safejn tista' jew ma tistax tilqa' l-argumenti tad-Difiza. Fil-fatt l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha (fol 496) qalet, fost affarijiet ohra, "illi f'dan il-kaz id-Difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha sostniet li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat Stacy Chircop kien involut b'xi mod fil-holdup illi jifforma mertu ta' din il-kawza. Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi

migjuba mill-Prosekuzzjoni, f'dan il-kaz jidhrilha li mix-xhieda ta' Ebony Camilleri jirrizulta minghajr ombra ta' dubbju li l-imputat Stacy Chircop kien involut fl-imsemmi holdup."

Imbaghad l-ewwel Qorti kompliet biex taghti r-ragunijiet taghha ghaliex dehrilha illi kellha toqghod daqshekk b'konvinzjoni fuq ix-xhieda ta' Ebony Camilleri.

Dan il-Qorti ghamlet l-ezercizzju fejn abbinat din il-konkluzjoni mal-provi prodotti f'din il-kawza u wara li ghamlet dan waslet ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal din il-konkluzjoni.

Ghalhekk kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalutazzjoni tal-provi li jaghmel il-gudikant, u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bbazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra, anke jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli (Il-Pulizija versus Brian Caruana, 23 ta' Mejju 2002). Fil-fatt l-appellant fir-rikors tieghu pprova juri lil din il-Qorti li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti ma kinitx l-unika konkluzjoni possibbli. Però b'daqshekk ma jfissirx illi l-ewwel sentenza ghandha tigi revokata. Kif qalet il-kawza R versus Cooper fuq imsemmija, "However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the Prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done then, very exceptionally, a conviction will be quashed."

Kif già nghad il-Qorti digà ghamlet dan l-ezercizzju u bhall-ewwel Qorti m'ghandhiex dubbju dwar il-htija tal-appellant u thoss illi l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti huma safe and satisfactory u jistghu jigu kkonfermati bla xkiel.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u

ma jkun hemm xejn x'jidika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt. Il-piena erogata mill-ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi, però l-appellant qieghed jindirizza lil din il-Qorti sabiex terga' taghmel revizjoni ta' din il-piena stante l-fatt illi llum l-appellant huwa bniedem riformat u anke ghamel b'success il-kors ta' riabilitazzjoni kontra d-droga. Il-Qorti tara illi l-ewwel Qorti ukoll kellha quddiemha din is-sitwazzjoni ghad illi l-gradwazzjoni tal-appellant mic-centru residenzjali ta' Santa Marija avvera ruhu fil-mori ta' dan l-appell fl-ghoxrin (20) ta' Awwissu tal-elfejn u ghaxra (2010). Però din il-Qorti ma tistax tinjora l- precedenti tal-appellant, lanqas il-gravità ta' dan ir-reat, u taghmel taghha l-hsieb tal-ewwel Qorti li "fi kwalunkwe kaz jekk l-imputat effettivament iddecieda li jaqbad it-triq it-tajba, huwa xorta wahda jista' jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega fi hdan il-Facilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprova jeghleb il-problemi li inducuh fit-triq tal-kriminalità."

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------